**30 ta' April, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Avukat Dottor Keith Bonnici *noe*

*versus*

Mark Grima

## Kontrattazzjoni f'Isem Soċjetà jew *Proprio*

*Normalment persuna tikkontratta għaliha nnifisha, sakemm ma tindikax li qiegħda tikkontratta f'isem ħaddieħor jew jekk ma jiġix indikat espressament, il-kontraent l-ieħor ikun raġonevolment jaf illi din tkun qed tikkontratta f'isem ħaddieħor.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenut huwa debitur lejn is-soċjetà attriċi fis-somma ta' sitt mija u wieħed u sbegħin lira u żewġ ċenteżmi (Lm671.02) liema somma hija dovuta bħala bilanċ ta' prezz ta' twapet mibjugħa u kkonsenjati fit-28 ta' Novembru 1989 fuq ordni tiegħu stess;

Peress illi l-konvenut ġie interpellat sabiex iħallas dan id-debitu però baqa' inadempjenti;

Peress illi dan id-debitu huwa ċert, likwidu u skadut u fil-fehma ta' l-esponent *nomine* l-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet x'jagħti għat-talba attriċi għall-ħlas ta' l-imsemmi debitu, l-istess attur talab li din il-Qorti għar-raġunijiet premessi;

1. Tiddeċidi skond it-talba bid-dispensa mis-smigħ tal-kawża a tenur ta' l-artikolu 167 tal-Kapitolu 12, u

2. Tikkundannah li jħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' sitt mija u wieħed u sebgħin lira u żewġ ċenteżmi (Lm671.02) liema somma hija dovuta bħala bilanċ ta' prezz ta' twapet

mibjugħa u kkonsenjati fi 28 ta' Novembru 1989 fuq ordni tiegħu stess;

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-Mandat ta' qbid u l-imgħax mid-data tal-bejgħ relattiv sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut;

Rat illi fl-udjenza tat-13 ta' Frar 1991 il-konvenut ingħata l-permess li jikkontesta l-kawża;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa:

1. In-nullità taċ-ċitazzjoni għaliex fl-affidavit l-attur avukat Dottor Keith Bonnici ma qalx li jaf huwa nnifsu bil-fatti msemmija fid-dikjarazzjojni u li ġie awotrizzat biex jagħmel hu dak l-affidavit;

2. Salv u preġudikat il-premess, il-konvenut ma għandu l-ebda relazzjoni ġuridika ma' l-attur *nomine* peress li huwa ma ordna xejn mingħand is-soċjetà attriċi għalih personalment;

3. Salvi eċċezzjonijiet oħra jekk u meta jkun il-każ;

Eżaminat il-provi kollha li tressqu u l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut ma hijiex sejra tiġi

kkonsidrata billi din ġiet irtirata mill-konvenut fl-udjenza tal-21 ta' Novembru 1991;

Illi l-attur *nomine* qiegħed jitlob li jiġi kanoniozzat kreditur tal-konvenut fis-somma ta' Lm671.02 bilanċ ta' prezz ta' twapet mibjugħa u kkonsenjati lilu;

Illi l-konvenut ma jikkontestax li s-soċjetà attriċi verament biegħet u kkonsenjat u istallat it-twapet in kwistjoni fil-*Victoria Restaurant, Med Isle Village, St. Andrews* lanqas ma huwa *jikkontesta l-bilanċ mitlub;*

L-unika kontestazzjoni tal-konvenut hija li hu ma ordna xejn għalih personalment mingħand is-soċjetà attriċi u għalhekk m'għandu jagħti xejn personalment. Jallega li bejnu personalment u s-soċjetà attriċi ma hemm l-ebda relazzjoni ġuridika;

Il-konvenut ma jikkontestax li l-ordni għat-twapet in kwistjoni għamilha hu stess però qiegħed jirritjeni li hu ma obbligax lilu nnifsu personalment iżda obbliga lis-soċjetà *Tulip Caterina Services;*

Ikkunsidrat:

Illi fil-proċess hemm provi konfliġġenti fuq dan il-punt;

*Omissis;*

Illi hija ħaġa minn ewl id-dinja li normalment bniedem jikkontratta għalih innifsu, sakemm ma jindikax li qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor, jew jekk dan ma jindikahx

espressament, il-kontraent l-ieħor ikun raġonevolment jaf illi jkun qiegħed jikkontratta li f'isem ħaddieħor....il-piż tal-prova li min ikkontratta, ikkontratta f'isem ħaddieħor tinkombi fuq min jagħmel din l-allegazzjoni;

Il-provi f'dan ir-rigward għandhom jintiżnu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta' provi jew anki fid-dubji l-mandat ma jistax jiġi preżunt, anzi għandu jiġi eskluż (*Troplong, Mandato No. 50*) ċitata fil-Kollez. Vol. XLII-11-P. 203). Inoltre għandu jiġi rrilevat li l-liġi teżiġi (art. 993 Kap. 16) li kull kuntratt u kull obbligazzjoni għandha ssir u tiġi esegwita in *buona fede;*

Ikkunsidrat:

Illi l-applikati dawn il-prinċipji legali għall-provi miġbura fil-każ odjern din il-Qorti tikkonkludi li l-konvenut ma rnexxilux jipprova sodisfaċentement li hu mhux obbligat personalment li jħallas il-kreditu tas-soċjetà attriċi;

Illi din il-Qorti ma tiddubitax li n-negozju in kwistjoni sar f'interess ta' xi soċjetà li fiha kellu interess l-konvenut, però dak li hu importanti f'din il-kawża hu jekk dan il-fatt inġiebx a konjizzjoni tas-soċjetà attriċi *a tempo vergine*. Id-dubju tal-Qorti f'dan ir-rigward joħorġu minn dan il-fatturi:

(a) Anki fix-xhieda tal-konvenut ma joħroġx ċar liema soċjetà skond hu kienet obbligat għall-ħlas. L-ewwel semma lis-soċjetà *"Mid Club Limited"* u wara semma lil *"Tulip Catering Services Limited"*;

(b) Fil-fehma tal-Qorti ma hijiex assunzjoni raġonevoli xejn li jekk bniedem innegozja erba' jew ħames snin qabel f'isem

kumpanija, il-kontraent l-ieħor hu mistenni li jiftakar id-dettalji preċiżi dwar dan in-negozju preċedenti kwantu jikkonċernaw l-identità tal-persuna obbligata;

(ċ) Meta l-konvenut induna li l-karti tas-soċjetà *(Invoice, Delivery Order, Statements)* kienu qed jindikaw unikament lilu, għaliex ma marx għand is-soċjetà attriċi *a tempo vergine* biex jgħidilha li personalment ma kienx obbligat u li *invoice* kienet obbligat soċjetà?

(d) L-istess konvenut jgħodd għad-diskursata telefonika li Rose Aquilina xehed li kellu mal-konvenut: il-konvenut ma kellux iħallas iżda talbu li jagħtih żmien biex iħallas;

Illi dawn id-dubji kollha jimmilitaw kontra t-teżi tal-konvenut u għalhekk l-eċċezzjoni li ta ma tistax tiġi milqugħa;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi prevja li tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut u l-ewwel talba ta' l-attur *nomine*, tilqa' t-tieni talba ta' l-attur eżattament kif dedotta u għalhekk tikkundanna lill-konvenut li jħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm671 bl-imgħax kummerċjali idekorribbli mit-28 ta' Novembru 1989 u bl-ispejjeż kollha pagabbli mill-konvenut.